MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-15 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 683/2014

**Joseph sive Beppe Hili**

**(K.I. Nru. 292355M)**

**vs**

**Sicily Real Estate Limited**

**(C-40400)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta’ Joseph sive Beppe Hili tal-31 ta’Lulju 2014 li jaqra hekk:

1. *“Illi r-rikorrenti u l-kumpanija intimata dahlu fi ftehim datat l-erbatax (14) ta' Ottubru, 2011 in atti Nutar Dr Carmel Mangion (**DOK BH 1**) permezz ta' liema r-rikorrenti sielef lill-intimata s-somma ta' mija u hamsin elf Euro (€150, 000) liema somma kellha tithallas lura fi zmien ghaxar [10] snin bl-interessi ta' tmienja fil-mija (8%) fis-sena jithallsu kull sitt (6) xhur b'lura;*

2. Illi l-ftehim imsemmi jispecifika li fin-nuqqas ta' hlas ta' interessi fiz-zmien ghaxar [10] t'ijiem minn meta l-istess isiru dovuti, kemm il-kapital kif ukoll l-interessi jsiru dovuti immedjatament billi d-debitrici ( l-intimata ) titlef il-beneficcju taz-zmien;

3. Illi l-ahhar hlas ta' interessi dovuti li sar mill-intimata sar nhar it-tlettax (13) ta' Gunju, 2013 u kien ikopri ammont parzjali ta' interessi dovuti ghal-perijodu mill-erbatax (14) ta' April, 2012 sat-tlettax (13) ta' April, 2013 (**DOK BH 2**). F'dan il-perijodu, minflok thallsu l-interessi dovuti fl-ammont ta' tnax-il elf Euro (€12,000) thallas biss l-ammont ta' tmien t'elef Euro (□€ 8, 000) sabiex baqa b'hekk bilanc ta' erba' t'elef Euro (€ 4, 000);

4. Illi l-interessi dovuti ghall-perijodu ta' bejn l-erbatax (14) ta'April, 2013 u t-tlettax (13) ta' April, 2014 ammontanti ghal tnax-il elf Euro (€12,000) kif ukoll id-differenza dovuta wara l-hlas parzjali li sar fit-tlettax (13) ta' Gunju, 2013 baqaw ma thallsux u ghadhom sallum dovuti mill-intimata lir-rikorrenti;

5. Illi l-ammonti dovuti f 'interessi kif spjegat baqaw dovuti wara li anke saret interpellazzjoni gudizzjarja ghal-hlas permezz ta' ittra gudizzjarja tal-hdax (11) ta' Gunju ,2014 (**DOK BH 3**). B'hekk, sehh it-trapass ta' ghaxar (10) t'ijiem moghti lill-intimata bhala opportunita' ta' purgazzjoni skont il-ftehim tal-erbatax (14) ta' Ottubru, 2011 (DOK BH 1) u l-intimata baqghet in moro.

**GHALDAQSTANT,** ir-rikorrent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni ohra necessarja u opportuna, jogoghbha:

(i) Tiddeciedi u tiddikjara li l-intimata ddekadiet mill-beneficcju taz- zmien moghti lilha permezz tal-ftehim datat l-erbatax (14) ta'Ottubru, 2O11 in atti Nutar Dr Carmel Mangion (**DOK BH 1**);

(ii) Tiddeciedi u tiddikjara li s-somma ta' mija u hamsin elf Euro (€150,000) konsistenti fil-kapital misluf hija ghalhekk dovuta lir-rikorrent mill-kumpanija intimata Sicily Real Estate Limited;

(iii) *Tiddeciedi u tiddikjara li hija dovuta s-somma ta' sittax-il elf Euro (€16,000) interessi bit-tmienja fil-mija (8%) kif stipulata fil-kuntratt konsistenti f'erba' t'elef Euro (€4, 000) bilanc dovut ghall-perijodu mill-erbatax (14) ta' April, 2012 sat-tlettax (13) ta' April, 2013 u tnax-il elf Euro (€12,000) f interessi dovuti ghal-perijodu mill-erbatax (14) ta'April, 2013 sat-tlettax (13) ta'April, 2014;*

(iv) *Tikkundana lill-kumpanija intimata Sicily Real Estate Limited sabiex immedjatament thallas lir-rikorrent is-somma ta' mija u hamsin elf Euro (€150,000) konsistenti fil-kapital misluf kif ukoll s-somma ta' sittax-il elf Euro (€ 16,000) interessi akkumulati kif fuq spjegat;*

*Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficjali tal-hdax (11) ta' Gunju, 2014, u bl-imghax legali ulterjuri mid-data ta' kull skadenza sal-pagament effettiv, kontra l-kumpanija intimata li hija minn issa ngunta in subizzjoni."*

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta'intimata  skond il-ligi;

Rat in-nota tas-socjeta' intimata  Sicily Real Estate tad-29 ta'Settembru 2014, (a fol. 18) illi biha **ammettiet** t-talbiet kif esposti mill-attur;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi prodotti mill-attur jirrizulta illi permezz tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dr. Carmel Mangion tal-14 t'Ottubru 2011 – vide Dok.BH1 a fol. 6 – l-attur kiseb self f'ammont ta' mija u hamsin elf Euro (Eur 150,000) bi rata ta' interssi ta' tmienja fil-mija (8%) pagabbli kull sitt xhur. L-istess kuntratt jistipula li f'kaz ta' dekadenza ta'pagament tal-interessi b'aktar minn ghaxart ijiem, is-socjeta' intimata titlef il-beneficcju taz-zmien u

l-ammont shih flimkien mal-interessi isiru dovuti immedjatament – vide fol. 7 para 2. Illi l-attur bil-gurament sostna illi s-socjeta' rikorrenti naqqset illi thallas l-interessi dovuti fil-perjodu bejn l-14 t'April 2013 u t-13 t'April 2014 cioe' tnax –il elf Ewro (Eur12,000) u naqset illli thallas erba' t'elef Ewro (Eur 4,000) mill-interessi dovuti ghall-perjodu ta'14 t'April 2012 u t-13 t'April 2013. Dana jfisser sittax –il elf Ewro (Eur16,000) dovuti f'interessi .

Il-Qorti, in vista ta' dana kollu, tqis illi f'dawn ic-cirkostanzi, s-socjeta' intimata tilfet il-beneficcju taz-zmien u ghalhekk il-kapital misluf cioe' mija u hamsin elf (Eur150,000) huwa immedjatament dovut flimkien mal-interessi fl-ammont ta' sittax il-elf (Eur16,000).

Illi l-Qorti rat in-nota t'ammissjoni ghat-talbiet tal-attur datata 29 ta'Settembru 2014 prezentata mis-socjeta' intimata.

**Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti, bl-ispejjez u bl-imghax kif mitluba kontra s-socjeta' intimata Sicily Real Estate Limited.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM-------------------------------